A.L. 51 ta' l-1989

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-18 ta' April, 1989.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern Santa Katerina II, limiti ta' Ħ'Attard:

(i) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 1 sa 22 tal-kejl ta' madwar 4,260 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal u Punent ma' toroq pubbliċi u mix-Xlokk u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 23 sa 44 tal-kejl ta' madwar 4,224.6 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' triq pubblika;

(iii) Biċċa art li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nri. 45 sa 54 tal-kejl ta' madwar 2,191 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u minn Nofs-in-Nhar u Grigal ma' proprjetà tal-Gvern;

(b) Id-dar bin-numru Flat 3, Blokk III, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Triq Ħal Luqa, Ħal Tarxien.

(ċ) Id-dar bin-numru 136 Triq Ferdinando Falzon, Żurrieq.